TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/173/13/S

Michael Camilleri
Vs
Neville Cassar ezercenti l-kummerc bhala BPK Styling

Illum 8 ta'Mejju,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Micheal Camilleri pprezentata fid-29 ta'Lulju,2013 filwaqt li Neville Cassar ezercenti l-kummerc bhala BPK Styling lanqas biss ipprezenta risposta;

Ra d-dokumenti pprezentati u r-rapport tal-espert Joseph Zammit, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom mghmula fis-seduta tas-6 ta'Marzu,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta' "spray" fuq vettura li r-rikorrent ilmenta, ma sarx skont is-sengha w l-arti daparti tal-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konstatazzjoni dwar jekk xoghol ta' "spray" huwiex difettuz jew le, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert Joseph Zammit ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "Calleja vs Mifsud" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u

din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[1];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "Bugeja et vs Muscat":

"...*Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kola tac-cirkostanzi, irragonevoli...*";

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ittrattaw il-kontenut tieghu kif ukoll ghamlu s-sottomissjonijiet rispettivi;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal;

Illi ghalkemm il-konkluzjoni tal-espert tindika somma akbar minn dik mitluba fit-talba tar-rikorrent, it-Tribunal hu marbut li jiddeciedi t-talba li ghandu quddiemu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta'Michael Camilleri u Jordna lil Neville Cassar ezercenti l-kummerc bhala BPK Styling ihallas lil Michael Camilleri is-somma ta' €350, bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluz tar-rapport tal-espert, jithallsu minn Neville Cassar ezercenti l-kummerc bhala BPK Styling.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[1] "Cauchi vs Mercieca" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "Calleja noe vs Mifsud" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.